JOSEPH BEZZINA

# Santa Marija tal-Qala fil-Viżta Pastorali tas-sena 1621

Nhar it-18 ta' April, 1621, bdiet Għawdex it-tielet viżta pastorali fi żmien l-episkopat tal-Isqof Baldassar Cagliares. Din il-viżta ma saritx mill-Isqof innifsu. Nafu li dan kellu diversi




problemi ta' saħħa u għalhekk, minn żmien għall-ieħor, kien ikollu jiddelega lil xi ħadd biex imexxi xi ċerimonji minfloku.

**1 • Il-viżta fil-Qala:**
Għal din il-viżta f'Għawdex l-Isqof Cagliares iddelega lir-Reverendu Dun Piet-Franġisk Pontremoli, duttur fit-Teoloġija, kanonku tal-Katidral tal-Imdina, kif ukoll Pro-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta u Għawdex. Bħala assistent tiegħu, hu ħatar lill-Kanonku Melchiorre Vella, lawrjat fid-Dritt Kanonku.

Il-Viżta fetħet bħas-soltu b'quddiesa solenni fil-Knisja Matriċi ta' Santa Marija nhar il-Ħadd, 18 ta' April, 1621, *Dominica in Albis*, il-Hadd ta' fuq l-Għid (VP (1621) 1r). Fil-jiem ta' wara żar il-knejjes tar-Rabat u wara kompla jdur il-knejjes tal-kampanja. Il-viżta fl-inħawi tal-Lvant ta' Għawdex saret nhar is-27 ta' April, 1621. Il-Viżitatur wasal fil-knisja ta' Santa Marija tal-Qala min-naħiet ta' Għajnsielem kmieni wara nofsinhar (VP (1621) 38r).

Il-Viżitatur jgħarrafna li l-knisja kienet għadha tissejjaħ ta' Santa Marija u li kienet fil-kontrada tal-Qala. Josserva l-ewwel li l-knisja kellha *altare lapideum aptum celebratione,* artal tal-ġebel li kien tajjeb għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u li kien *omnibus necessariis munitum,* mgħammar b'kulma kien meħtieġ. Fuq ir-riħ tal-artal kien hemm *icona,* xbieha, li mhix deskritta iktar. Nafu fil-fatt li kien qiegħed jirreferi għall-inkwatru tal-Kunċizzjoni li l-Isqof Baldassar Cagliares kien irregala lill-knisja tul l-ewwel viżta pastorali tiegħu fis-sena 1615.

Maġenb l-artal maġġur kien hemm żewġ altari tal-injam. Dawn qisu kienu jintużaw meta waqt xi pellegrinaġġ ikun hemm iktar minn qassis wieħed u allura kien ikun hemm fejn iqaddsu iktar minn wieħed. Kienu aktarx tal-injam u ma tantx kienu f'kundizzjoni tajba. Tant hu hekk li l-Viżitatur ordna li ma jsirx iktar quddies fuqhom (38r). Dawn l-artali tal-ġnub kienu jservu wkoll biex fuqhom jinxtegħlu x-xema' li joffru d-devoti.

**2 • Knisja mdaqqsa b'ċimiterju:**
Ir-rapport tal-viżta jiddeskrivi l-knisja bħala *lata et longa,* wiesgħa u tawwalija. Kellha wkoll *coemeterium ante hortium versus occidentem,* ċimiterju quddiem ġnejna n-naħa tal-punent – bejn wieħed u ieħor fl-istess pożizzjoni tal-lum (38r).

Din ma kinitx kappella tal-kampanja bħall-oħrajn għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett, dawn il-kappelli ma kinux normalment *longa,* tawwalija. L-iktar kien ikollhom erba' ndani xorok fuq tliet ħnejjiet. Mhux hekk tal-Qala. It-tieni, dawn il-kappelli kien normalment

ikollhom biss zuntier żgħir quddiem b'qabar wieħed jew tnejn. Dan aktarx kien ikun ħalla li jindifen fih il-benefattur li jkun bena l-knisja u l-familjari tiegħu. Il-fatt li din kellha ċimiterju jfisser li din kienet knisja b'ħafna devoti li xtaqu jindifnu taħt id-dell tagħha.

Tagħrifa oħra qasira tgħidilna li kellha wkoll *sera ferrea,* jiġifieri, serratura tal-ħadid. Tagħrifa li tidher superfluwa, iżda fil-fatt turi ċerta kura lejn din il-knisja. Kienet tinżamm magħluqa sewwa għal ħarsien aħjar ta' dak kollu li kien hemm ġewwa.

**3 • Knisja b'devoti minn Għawdex u Malta:** Ir-rapport ikompli li *eodem Ecclesia est inter omnes Ecclesias hujus Insulae,* li din il-knisja fost il-knejjes ta' Għawdex *devotissimam,* mill-iktar devota. U kienet tgawdi devozzjoni mhux biss *apud populum Gaulitanum,* fost il-poplu ta' Għawdex, iżda wkoll *apud Melitensum,* jiġifieri fost il-poplu ta' Malta wkoll. Dan jikkonfermah il-fatt li *a fidelibus dictarum Insularum continuo frequentatur,* jiġifieri li d-devoti ta' dawn il-gżejjer imorru bla ma jaqtgħu jinviżtaw f'din il-knisja.

Din id-devozzjoni kbira li tgawdi din il-knisja kienet tixhed fatt ieħor, *in ea pendent multa vota cerea a fidelibus eidem oblata,* jiġifieri, kien hemm imdendel fiha numru kbir ta' wegħdiet tax-xema' li dawn id-devoti joffru lill-knisja.

Dawn l-*ex-voto* tax-xema' ma kinux jikkonsistu f'xema' biss biex jixegħluhom quddiem ix-xbieha ta' Santa Marija. Iżda wkoll f'figuri tax-xema'. Ngħidu aħna, waħda omm tkun talbet lill-Madonna biex ikollha ħlas u twelid bla kumplikazzjonijiet. Tal-grazzja li tkun qalgħet, kienet imbagħad tagħmel offerta ta' tarbija żgħira tax-xema'. Wieħed ikun ibati b'qalbu u jgħaddi għall-aħjar. Joffri b'wegħda qalb tax-xema'. U l-kumplament.

Dawn l-offerti llum ma għadhomx jeżistu fostna. Iżda f'santwarji oħra Marjani għadek tara *ex-voto* ta' din ix-xorta. Ngħidu aħna, ġewwa Fatima, għadhom offerti komuni. Rajthom ukoll f'pajjiżi oħra bħal ngħidu aħna f'diversi santwarji Marjani fil-Polonja.

Santa Marija tal-Qala kienet dak iż-żmien iċ-ċentru Marjan ta' Għawdex u ta' Malta.■

